MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 81

**2 ta' Lulju 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Mark George Abdilla, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John

Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Borg, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sur Sean Fitz f'isem SJF li rebħet it-tender tal-kjosk ta' l-istazzjon u s-Sur Christian Vella, il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill.

**81.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

81.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

81.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx irċieva ittri ta' apoloġiji.

**81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

81.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 80 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

81.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja, il-minuti tal-laqgħa numru 80 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**81.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

81.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li għandna ħafna kotba antiki, pubblikazzjonijiet tal-Kunsill, li hi kienet qed tissuġerixxi illi nagħtuhom donazzjoni lill-*Community Chest Fund*, sabiex il-flus li jidħlu minnhom jiħduhom għall-kommunita. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

81.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lis-segretarju eżekuttiv joħroġ tender sabiex jinxtraw desks uniformi għall-istaff. Għalkemm it-tender se jinkiteb din is-sena, għandu jiġi *awarded* is-sena d-dieħla fil-*budget* li jmiss. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi qabel ma noħorġu t-tender niċċekkjaw mad-Dipartiment għax qabel id-dipartiment kien jixtri d-desks hu ħalli jkunu uniformi. Kien hemm qbil li jekk id-dipartiment ma jipprovdiex dawn id-*desks*, jinħareġ it-tender.

81.3.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech pproponiet illi s-Sur Paul Galea, fundatur tal-Malta Railway Foundation, ikun parti mill-bord ta' evalwazzjoni għal tenders ta' l-ERDF. Il-kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi kemm is-Sur Galea kif ukoll is-segretarju ma jistax imbagħad jitfgħu *tenders* jew jieħdu xi flus mill-ERDF. Kien hemm qbil kemm fuq dan il-punt kif ukoll fuq li s-Sur Galea jkun fuq il-bord.

**81.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

81.4.1 Is-Sindku s-SInjura Joanne Debono Grech qalet illi billi konna wasalna biex niffirmaw il-kuntratt tal-kjosk ta' l-Istazzjon talbet lis-Sur Fitz jerġa' jkun preżenti għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera, wara li kien hemm mistoqsijiet fis-seduta ta' qabel.

81.4.2 Is-Sur Fitz qal illi se jinvesti ħafna u ħafna flus fuq il-kjosk kif ukoll fuq l-istandards, saħansitra ċ-ċips se tkun per eżempju bit-*timers*, mhux se jitfa' żewġ *fryers* u ejja ħa mmorru. Hu talab illi meta jiġu xi nies jorganizzaw xi attivitajiet hemm, huma qed jitolbu li jgħaddu dejjem *through them*. Mhux bilfors li dejjem jagħżlu l-ikel tagħhom imma li dejjem jiġi ordnat l-ikel *through them*, eż huma se

jaslu f'arranġamenti ma' *caterers* oħra ħalli min ikun se jagħmel tieġ xorta jkollu l-ikel tal-marka li jrid. Hu qal li dan mhux qed jitolbuh b'arroganza imma anke minħabba li huma se jiftħu u jagħlqu l-istazzjon, u se jkunu responsabbli mis-saħħa u sigurta' tal-ġnien, it-tindif eċċ. Hu qal li se jħaddem ukoll miegħu *event co-ordinators.*

81.4.3 Is-Sindku staqsiet lis-Sur Fitz jekk tixtri *burger* minn barra u tkun trid tiġi tieklu l-istazzjon, tistax jew le. Is-Sur Fitz qal li iva mhux problema. Li ma jridx hu li jagħmel investiment qawwi u mbagħad xi ħadd jibda jorganizza per eżempju ikla darba fil-ġimgħa b'*catering* differenti għax inkella jitkisser.

81.4.4 Is-Sindku qalet li pero' hemm il-*bye-law*, min se jagħmel tieġ jew attivita', irid l-ewwel permess u jħallas lill-Kunsill. Kien hemm qbil.

81.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla staqsa x'jiġri jekk xi għaqda tkun trid torganizza *fundraising activity* u jkun hemm ikel sponsorjat. Is-Sur Fitz qal li din hi problema jekk per eżempju xi għaqda tkun trid tagħmel attivita' tliet darbiet fil-ġimgħa, kif jista' jkun meta hu per eżempju diġa' għandu *chefs* li ilhom fuq il-*payroll* tiegħu tliet xhur. Ma jistax ikun li jkollok kull *weekend* b'xi attivita', allura bħala regola, kollox irid jgħaddi *through him*. Kien hawn qbil.

81.4.6 Fuq tema differenti, il-kunsillier is-Sur John Mizzi qal illi hemm bżonn *traffic management* aħjar int u ħiereġ minn fuq il-pont għal Mannarino għax qed ikun hemm kju ta' karozzi li jista' jinqasam f'żewġ direzzjonijiet. Kif ukoll Triq l-Imsida għal Santu Rokku, hemm bżonn kaxxa safra gradilja biex ħadd ma jieqaf fil-*cross road* li hemm. Kien hemm qbil li nagħmlu talba lil TM.

**81.5 Approvazzjoni *Quarterly Financial Report* l-ewwel kwart 2018**

81.5.1 Is-Sur Christian Vella, konsulent finanzjarju ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-*Quarterly Financial Report* għall-ewwel kwart tas-sena 2018.

81.5.2 Is-Sur Vella qal li prattikament qegħdin *in line* mal-*budget* li konna preparajna.

81.5.3 Huwa ta xi figuri oħra u daħal f'iżjed dettall. L-indikatur finanzjarju reġa' tjieb b'2% oħra u issa qiegħed -21%. Qegħdin *on target* imma għad fadal ħafna xi jsir.

81.5.4 Ir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2018 ġie approvat formalment b'mod unanimu.

**81.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti 61, u Petty Cash**

81.6.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

81.6.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 61 kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-kunsiliera s-Sur Anthony Buttigieg u s-Sur John MIzzi.

**81.7 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

81.7.1 Il-laqgħa intemmet fis-5.45pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 9 ta' Lulju fis-6pm.

Konfermati, illum 7 ta' Awwissu 2018.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech<br>Sindku | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |